MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 284/2011

**A B**
**vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha (9) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Ara certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Reuben Debono sa mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) (Ara kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok B');

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-partijiet irrinunzjaw mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali ai termini tal-Artikolu numru erbgha (4) tal-imsemmi att ta' separazzjoni u ghalhekk l-ebda manteniment mhu dovut;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li fid-dawl tal-fatti hawn esposti l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru, 2011;

Rat illi l-intimata ma ipprezentatx risposta;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat illi irrizulta mid-dokumenti u l-atti u l-provi kollha li gew prodotti illi r-rekwiziti necessarji ai termini tal-Ligi ghal ksib ta' divorzju gew sodisfatti peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Reuben Debono sa mill-21 ta' Lulju 2006.

Rat illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi l-partijiet kienu irrizunzjaw ghall-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali.

Rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet skond kif xehdu l-istess partijiet u ghalhekk il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, rat illi l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju gew sodisfatti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------